*Fuq ix-Xarabank*
*It-Tnejn, 3 ta' Novembru 2003*
*L-ilsien ħaj tal-palk*

# L-Ilsien Ħaj tal-Palk

**minn Joanna Bugeja**

*Il-Festa bil-Bandieri* huwa dramm oriġinali ta' Oreste Calleja li ser jittella' fit-Teatru Manoel nhar is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta' Novembru 2003. Fuq ix-Xarabank tkellmet u ħadet il-kummenti tal-awtur dwar dan l-aħħar xogħol tiegħu.

"Oriġinarjament ktibt dan id-dramm fl-1999 u ppubblikajtu fl-2002. Huwa ntagħżel bħala wieħed mill-ewwel żewġ drammi oriġinali bil-Malti magħżula mit-Teatru Manoel biex jittellgħu wara l-pressjoni qawwija li saret fuq il-Bord biex jibdew jittellgħu plays oriġinali bil-Malti."

"Il-ġeneru ta' dan id-dramm nista'ngħid li huwa dramm realistiku b'elementi komiċi u xi kultant surreali. Dan huwa l-istil ta' teatru li jien nemmen fih u li narah jirrifletti l-ħajja li ngħixu. Fil-fatt, fid-dramm hemm ħafna referenzi politiċi. Kien hemm min iddeskrivieh bħala "kummiedja sensittiva li tuża tajjeb l-ilsien ħaj tal-palk."

"L-istorja tiżvolġi f'medda ta' għoxrin sena meta l-protagonist jirritorna lejn id-dar ta' missieru minn fejn kien telaq għoxrin sena qabel wara argument li kellu.

Hawnhekk narawh li jiltaqa' mal-fantażma ta' missieru li issa jkun mejjet. Hawnhekk huwa jipprova jifhem x'mar ħażin bejniethom."

**L-ewwel kitbiet bl-lngliż**

Oreste beda jikteb ta' età żgħira ta' 18-il sena u għal bidu kien jikteb bl-lngliż. Kien ħa kors ukoll fil-London School of Journalism fuq kitbiet ta' stejjer qosra.

"Niftakar li mbagħad kien avviċinani wkoll Victor Fenech li dak iż-żmien kien membru fil-Moviment Qawmien Letterarju u kien jieħu ħsieb ir-rivista tal-Moviment, ll-Polz. L-ewwel storja qasira li kont ktibt u ppublikajt fir-rivista kienet L-Għanja taċ-Ċinju. L-ewwel pubblikazzjoni tiegħi kienet fl-1972 u kienet tinkludi l-ewwel erba' drammi : Ċens Perpetwu, Satira, Anestesija u Iġsma Iħirsa.

**Silenzju mill-Uniti lstati**

"Għal xi żmien kont mort Londra mat-tfajla tiegħi li llum hija marti, Karla, li hija ta' nazzjonalità Amerikana. Konna ilna nafu lil xulxin sitt xhur biss u kif konna Londra iżżewwiġna*. Imbagħad konna ddeċidejna li nitilqu I-Amerka fejn domna ngħixu għal 15-il sena. Nammetti li sakemm domt l-Amerka qatt ma ktibt xejn u dan jista' jkun għall-fatt li jien nemmen li l-awtur għandu bżonn tal-ambjent tiegħu li trabba fih madwaru biex ikun jista' jesprimi ruħu aħjar. Ma nemminx li wieħed jista jikteb fuq kultura ta' nies li trabbew u għandhom valuri differenti minnu."

"Konna ġejna lura Malta fl-1991 fejn kont ktibt "L-Għasfur taċ-Ċomb" u "Il-Belliegħa fil-Bir" li kienet

rebħet il-Premju Francis Ebejer. Għal xi żmien kont anke fil-kumitat tal-Akkademja tal-Malti. Illum-il ġurnata xogħli huwa li ngħallem l-Arti l-Junior Lyceum tal-Verdala għax il-pittura u l-graphic art fuq il-kompjuter jifformaw ukoll parti mill-passatempi tiegħi, kif ukoll tajt lezzjonijiet fil-kitba għall-palk fiċ-Centru għad-Drama Mikelanġ Borg u bħalissa għaddej b'kors fl-AŻAD. Insib ħafna appoġġ mill-mara li għalkemm qatt ma qrat kelma waħda li ktibt jien peress li ma tifhimx bil-Malti, iżda xorta tagħtini l-appoġġ meħtieġ."

"Inħobb ukoll insajjar u nagħmel xogħol bl-injam. Li kieku kelli nerġa' nitwieled żgur kok jew mastrudaxxa nagħżel li niġi. Iżda definittivament mhux awtur."

* Filfatt Oreste iżżewweġ lil Karla Sherry hawn Malta qabel telgħu l-Ingilterra ftit xhur wara.

**Il-qagħda tad- drammaturgi Maltin fil-mument**

"Jien nemmen li l-qagħda tad-drammaturgi Maltin fil-mument ma tantx hija waħda sabiħa, speċjalment meta tara li ma tantx qed jingħataw importanza u dan mhux biss mill-persuni tat-triq iżda anke mill-ambjent teatrali. Ma narax li jeżistu role models illum-il ġurnata li jistgħu jispiraw drammaturgi ġodda biex jiktbu. Jien fi żmieni kelli lil Ebejer, Gużè Diacono, u Ġużè Chetcuti lejn min inħares iżda llum lil min għandhom? Jien li, biex nuża l-kelma, jien "stabbilit", inħossni demoralizzat aħseb u ara min għadu tiela'."

"Hawn Malta jiddispjaċini ngħid għad għandna mentalità kolonjalista fejn infaħħru m'għola s-sema dak li hu barrani u ma ngħinux dak li hu Malti, anzi nwarrbuh. Jiddispjaċini ngħid li anke fejn jidħlu konkorsi għall-kitba m'hemmx management tajjeb. Fejn qabel kien ikollok ħamsa u għoxrin entry għall-konkors dan l-aħħar

spiċċaw jidhlu sebgħa biss. Xi ħaġa bilfors li sejra ħażin. Meta awtur ikun fortunat biżżejjed li jsib min itellgħalu d-dramm xi kultant l-iskript ikun irranġat u maqtugħ ħafna drabi mingħajr ma l-awtur ikun ikkonsultat."

"Biex ma ssibx ukoll min jiktiblek fil-gazzetta u jgħidlek li l-awturi Maltin huma ħżiena u li meta jippubblikaw xi biċċa xogħol hija bis-saħħa tal-imbottaturi tal-ħbieb u mhux b'ħilithom. Dan huwa kliem li ħareġ mill-pinna ta' min qiegħed hemm suppost biex jippromwovi l-arti u l-kultura, iżda minflok, jinkiteb dan id-diskors li jista jweġġa' liI hafna nies."

"Nemmen li f'Malta għandna ħafna talent u huwa dnub jekk inħalluh jintrema u ma nagħmlu xejn biex insalvawh. Dan huwa I-appell tiegħi."

**Il-Festa bil-Bandieri**

Dan id-dramm oriġinali ta' Oreste Calleja flimkien ma' dramm oriġinali ta' awtur Malti ieħor ser ikunu l-ewwel minn sensiela ta' drammi li l-Kumitat tat-Teatru Manoel fi ħsiebu jibda jtella' kull staġun biex tingħata aktar spinta lill-kitba għall-palk Malti biex forsi xi darba aħna wkoll ikollna t-teatru tagħna. II-booking huwa miftuħ mit-Teatru Manoel. Il-cast jinkludi lil Mark Spiteri, Clare Agius, Elsa Romei, Joe Cortis u oħrajn b'direzzjoni ta' Josette Ciappara. Il-produzzjoni hija tal-Kumpanija Maleth.